# FTIT ILĦNA U DRAWWIET TA' TJUR U BHEJJEM

*Ta'* G. MIFSUD BONNICI

Is-serduk ibakkar *jidden*!
— Qawmien kmieni jiswa, ħtieġa —
Aktar tard iddur mal-qoffa.
Tisma' *tqaqi* lit-tiġieġa.

Il-fellus minn taħt il-qroqqa
joħroġ rasu, jibda *jċejjaq*.
Il-ħamiem, fil-barumbara.
Bil-*garr* juri l-ferħ u d-dwejjaq.

Ċaflas u għaffeġ papru u *laqlaq*,
Wara ntefa' fl-ilma u tbaħbaħ;
Hekk għal qalbek tgħum u ċċafċaf;
Għozz kemm tiflaħ, tbaħbaħ, tbaħbaħ.

* * *

Qalb il-qamħ, iż-żara' u silla
Tisma' *ttaqtaq* lis-summiena,
Fuq xi fergħa, qalb is-siġar
Tisma' *tberqem* lill-gamiema.

Għad li qalbha m'hix muġugħa
M'hix ħlief *tingħi* l-venewwa;
Flok is-siġar tfitx il-qiegħa.
Hekk għall-beraħ tħossha sewwa.

Tofroq ibħra ttir u *tweżweż*
Sakemm tilħaq l-art l-alwetta.
U kif tasal taqa' mejta
Taħt it-tir tal-ixkubetta!

*Tgħanni* l-bilbla wieqfa fl-ajru,
Ġewwa d-dija tas-smewwiet.
L-għana tagħha ħajr 'l Alla!
Jimla 'l qlubna bil-ħlewwiet.

Il-kalandra mdaqqsa ġmielha;
Dejjem sejra ma taqtax;
*Tgħanni* u *ssajjar* l-għana kollu
Ta' l-għasafar, ma tixbax.



Pappagal *itenni lsienek*,
Iżda 'l kliemek ma jifhmux.
Pappagalli biex jiftiehmu
ma' xulxin ma jitkellmux.

* * *

Fuq il-bejt il-kelb kemm *jinbaħ*
'L hawn 'l hinn jgħasses xejn waqfien.
Il-qattus fil-kċina *jnewwaħ*,
Dejjem lest għal xi ġurdien.

Meta tisma' ż-żiemel *jiżher*
għid l'hu mdejjaq jew bil-ġuħ.
Meta tisma' lill-ħmar jinħaq
għid li xamm mill-bogħod lil ħuh.

Għalkemm kliem m'għandhomx il-bhejjem
Ma' xulxin jiftiehmu dejjem!

---

# ĦSIBIJIET U FANTASIJA

*Ta'* SALVINU SCHEMBRI

X'fantasija ta' ħsieb! erwieħ imnikkta
jidhru fatati bojod, f'għonqhom demm
inixxi, b'gidmet il-vampiri, donnhom
bħal dawk li jagħmlu s-sriep li jagħtu s-semm.

Iġsma jintemmu taħt l-għotjien ta' l-oqbra
ixoqqu d-demm minn għonqhom migdumin.
Friefet il-lejl iħabbtu mal-fantażmi
waqt li skeletri jħebbu għal xulxin.

Ċpar u ċpar biss w għerien taħt l-art moħbija
waqt illi l-ilma jagħli jbaqbaq sħun,
Caron jillanċa lill-mejtin fantażmi
jgħaddi bl-erwieħ mitlufa bħal miġnun.

Iħirża f'nofs ta' lejl fid-dawl ta' qamar
l-inkubi donnhom tagħhom jitfgħu dell.
Ċipressi li fuq l-oqbra d-dell jifirxu
kruhithom fl-għalqa tal-mejtin tistmell.